# L-ISMIJIET TAT-TOROQ F'BORMLA

*Minn Charles Clews*

**L-ismijiet tat-toroq ta' bliet u raħal ta' kull pajjiż, ġeneralment jagħtu ħjiel kbar, jew uħud ftit iżgħar, dwar l-istorja ta' dak ir-raħal jew belt partikolari.**

Bosta minnhom ikunu msemmija għal xi persunaġġ (jew persunaġġi), avvenimenti, ġrajjiet (fosthom anke kważi minsija) u anke għall-ambjent ta' madwarhom. Għalkemm illum ħadna drawwa li nsemmu toroq li l-isem tagħhom ftit ikollu sens: Triq il-Faqqus, fejn qatt ma kien hemm idea tal-bettieħ, ngħidu aħna; Triq iċ-Ċawsla, fejn lanqas qatt inħolom li kien hemm mank siġra waħda.

Bliet kbar barranin għandhom it-toroq li jfakkru persunaġġi, battalji, u ġrajjiet partikolari. Via Garibaldi f'Ruma u bliet oħra Taljani, li jfakkru lill-patrijotta Giuseppe Garibaldi (1807-1882), li bħala mexxej militari kellu parti kbira fl-unifikazzjoni ta' l-Italja; Trafalgar Square, f'Londra, li tfakkar il-battalja ta' Trafalgar, li fiha Lord Horatio Nelson, ammirall Ingliż (1758-1806) kien għeleb lill-flotot magħquda ta' Franza u Spanja; u Pariġi, triq imsemmija għal Georges Clemenceau (1849-1929), statista kbir, li ppresieda l-konferenza tal-paċi fl-1919, wara r-rebħa ta' l-Alleati fuq il-Ġermanja fil-gwerra ta' l-1914-1918.

Saħansitra fil-Ġermanja, insibu triq imsemmija għal atleta Amerikan, iswed, Jesse Owens, li kien rebaħ erba' medalji tad-deheb fil-Logħob Olimpiku ta' l-1936, wara li Adolf Hitler kien tant għamillu – lilu u lill-atleti suwed – tant azzjonijiet ħżiena.

Imma niġu għal Bormla: Bormla tfakkar bosta nies li għamlu suċċess u qatgħu figura sabiħa fil-qasam individwali tagħhom. Għandna triq



Triq San Ġorġ, Bormla


Triq Il-Pellegrinaġġ 19 ta' Novembru, 1994, Bormla

imsemmija għal Abram Gatt, artist fil-veru sens, prolifiku, versatili; Gavino Gulia, tabib imsemmi; John Pace, fonditur, li kien ħadem fil-funderija li fondiet il-qanpiena tal-Libertà ta' l-Istati Uniti; Mariano Gerada, skultur ta' fama kbira; Pietru Pawl Caruana, pittur imsemmi, Richard Taylor, kittieb u patrijott; Wiġi Rosato, kittieb u pijonier tal-palk Malti.

Għandek Triq Erin Serracino-Inglott, li ismu jibqa' marbut mal-biċċa xogħol kolossali li daħal għaliha, fil-'Miklem' Malti. Isem ieħor li jidher fuq triq huwa dak ta' Matty Grima, li kien tant maħbub mill-Bormliżi, li kien iħobb dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Bormla.

Imbagħad għandek toroq li jfakkruk ferm fiż-żmien li konna parti mill-Imperu Ingliż: Triq Hanover, l-Irlandizi, l-Iskoċċiżi, Triq Dwardu, Guliermu, Nelson, Polverista, Verdala, Alexandra (Xandra), u oħrajn.

Tosserva li bosta minn dawn it-toroq huma qrib il-Barracks ta' Verdala, u uħud minnhom iġibu l-isem ta' xi Re (Dwardu), u xi prinċep reali ta-familja rjali Ingliża.

Triq il-Kwartier San Nikola, turik mill-ewwel, kif jurik anke l-bini ta' hemmhekk, li dan Married Quarters għall-familji ta' militari Ingliżi li kienu jkunu stazzjonati fl-inħawi ta' Bormla, ħaġa komuni fiż-żmien ta' qabel il-gwerra (1939-1945).

Toroq oħra ma jkunux iridu spjegazzjoni: Triq it-Tarzna, tmiss ħajt ma' ħajt mat-Tarzna, kif tafu. Triq il-Mitħna, ngħidu aħna, ma tridx tħaddem l-immaġinazzjon wisq biex tkun taf li kien hemm, u forsi għad hemm mitħna f'dik it-triq. Triq il-Konservatorju, l-istess, Triq il-Kampnar ukoll, Triq l-Oratorju, Triq San Pawl, u Triq San Ġwann t'Għuxa, huma, kif jgħidu l-Ingliżi, self-explaining - isimhom stess jispjega li fihom kemm dak li jġibu ismu.

Ismijiet ta' qaddisin insibu bosta fit-toroq ta' Bormla: Triq Santa Tereża u Triq il-Kunċizzjoni kif ukoll Triq it-8 ta' Diċembru għandek bilfors

tistennihom, hux hekk. U kien ferm u ferm xieraq meta ssemmiet triq, b'tifkira tal-famuż pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna u l-kwadru ta' l-1944 minn Birkirakara għas-santwarju.

Insibu toroq imsemmija għall-qaddisin bħal San Ġorġ, San Ġużepp, San Ġwann, San Lażżru, Santu Rokku, Santa Liena (bir-raġun kollu din), Santa Margerita (minħabba l-kunvent tas-sorijiet) Santa Marija.

Imbagħad, u hawn forsi jkun hawn min ikollu xi spjegazzjoni għalihom, insibu toroq li isimhom iġibek daqsxejn ta' kurżità. Bħal Triq l-Ajkla, Felice (kunjom, isem, qaddis?), Kewkba, stella Iljun, Sofija, Srejdek. Triq ir-Regatta tifhimha, bħal Triq it-Turġien, kif nafuha aħna.

Toroq għall-Madonna nsibu wkoll: barra Triq il-Kunċizzjoni, naturalment għandek Triq il-Madonna tal-Grazzi, Triq Santa Marija, Triq il-Madonna tal-Karmnu.

Imma mbagħad kultant tibda tistaqsi għaliex ċerti toroq huma magħrufa mod ieħor popolarment, mill-veru isimhom. Nelson Street, Triq Nelson, nafu għalfejn u għal min semmewha l-Ingliżi, imma għaliex l-anzjani jafuha bħala t-Triq ta' 'rland, li naħsbu li hija Orland. Min kien Orland? Forsi nafu li t-triq magħrufa bħala Alexander Street, jew Triq Xandru hija magħrufa bħala t-Triq tan-Nisa – minħabba ħanut tal-merċa li kellu s-sid, magħruf bħala n-Nisa, jew Tan-Nisa, li għad għandu qraba ħajjin.

Imma kif dik it-triq li issa ġġib isem Matty Grima, li kienet Strada Bongiorno, jew it-Triq ta' Bongiornu, ingliżiżżawha bħala "Good Day Street?"

Minn dejjem smajna li t-triq kienet imsemmija għal xi kavallier, jew, insomma xi bniedem prominenti, li kien kunjomu Bongiorno, bħall-famuż Mike Bongiorno tat-T.V. Taljana. Min semmieha Good Day Street, u jekk jogħġbok, Triq il-Jum it-Tajjeb, kien ħa falza stikka kbira. Kienu tajbin dawk li kienu jsejħulha bħala "It-Triq ta' Bongiornu" allura, li kien hemm min qalli kien joqgħod flok id-Domus ta' llum.

L-istess, anzi xi ħaġa iżjed, għal Bull Street. X'waħdadin. Sa issa għadek issib min jafha bħala t-Triq tal-Baqar. Lili qaluli anzjani, li t-triq kienet imsemmija hekk għaliex darba, fil-quċċata tagħha kien hemm razzett tal-baqar. Forsi teorija, u forsi kien għajdut ġej minn ġenerazzjoni għal oħra.

Iżda min ġie biex jagħtiha l-isem, oriġinarjament, kif seta' mar għall-isem ta' Bull Street, jew Strade Toro, kif kienet ukoll magħrufa. Ta' min hux, li jara li xi ħadd, li għandu ferm iżjed żmien minn min qed jikteb, jagħmel riċerka fuq dan is-suġġett tant interessanti.

Nawguralkom minn qalbi, il-festa t-tajba, pjaċevoli u reliġjuża.